Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tal-402 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 1 ta' Awwissu, 2012**

Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

## Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joe Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Kevin Plumpton.

## Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-401 laqgħa tal-Kunsill ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

## Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Buhagiar staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar it-talba li għamlet l-impjegata s-Sinjura Agius sabiex taħdem il-*leave* tal-maternita fil-post ta' impjieg il-ġdid tagħha. Is-Sindku qal li kien irċieva risposta mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li jekk il-Kunsill jikkonsidra li t-talba tal-impjegata hija ġustifikati jista' jaċċetta t-talba tagħha. Is-Sur Buhagiar ippropona li ssir laqgħa mal-impjegata u jiġi pproponut li hi taħdem ħamsa u għoxrin sibt. Is-Sur Pisani ssekonda l-proposta tas-Sur Buhagiar u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Bonnici ppropona li tinħareġ sejħa għall-ingaġġ ta' skrivana skala 15. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ din is-sejħa.

Is-Sur Buhagiar staqsa dwar il-laqgħa li saret mis-Sur Brincat konsulent ma' Transport Malta mar-residenti ta' Triq Wied il-Għajn dwar is-sewqan perikoluż f'din it-triq. Is-Sur Grech issuġġerixxa li f'din it-triq isiru sinjali ta' *speed limit* kif ukoll li tiġi nstallata *speed camera*. Is-Sur Plumpton semma l-bżonn li tinstab soluzzjoni mill-aktar fis sabiex jitneħħa kull periklu għar-residenti.

Is-Sur Pace qal li l-Kunsill irid jiddeċiedi li titwaħħal *speed camera* sabiex jitnaqqas il-periklu għar-residenti u kull min ikun għaddej minn dik it-triq.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk kienetx ingħatat risposta mill-GAL dwar l-*expression of interest* li l-Kunsill issottometta biex tiġi *resurfaced* Triq Ħas-Sajjied għall-bdiewa kif ukoll għal dawk kollha li joqogħdu jew jgħaddu minn din it-triq. Is-Sur Pisani qal li l-Bord ta' Evalwazzjoni ma kienx għadu ħareġ bid-deċiżjoniet tiegħu dwar l-applikazzjonijiet li saru.

Is-Sur Pisani qal li l-GAL kienu ħarġu żewġ sejħiet, waħda għall-għaqdiet kulturali u oħra għall-għaqdiet sportivi. Is-Sur Pisani qal li huwa għamel kuntatt maż-żewġ għaqdiet tal-banda kif ukoll mal-klabb tas-St Patrick's Nursery, fejn offra l-għajnuna tiegħu sabiex issir l-applikazzjoni. St Patrick's Nursery aċċettaw l-għajnuna u ġiet sottomessa applikazzjoni sabiex jiġi ffinanzjat *safety buffer* bejn il-grawnd u s-swar.

Is-Sur Bonnici tkellem dwar il-laqgħa li flimkien mas-Sindku u d-Deputat Eżekuttiv Segretarju kellhom mal-Kumpanija *Green MT* dwar l-iskart riċiklat fil-lokalita`.

Is-Sur Bonnici ppropona li jitwaħħlu *litter bins* fi Triq is-Santwarju u Triq Alessio Erardi. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jitwaħħlu *litter bins* ħdejn il-*bus shelters*.

Is-Sur Bonnici staqsa meta kien ser jiġi ppubblikat il-fuljett Citta` Hompesch. Is-Sur Pisani qal li kien ser joħroġ fi xahar ta' Settembru.

I<u>tem 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Pellegrinaġġ Muturi u Roti fejn il-Kunsill ġie infurmat li ser jiġi organizzat pellegrinagg bir-roti għat-tfal ta' bejn is-7 u t-12–il sena madwar it-toroq ta' Ħaż-Żabbar nhar il-Ħadd, 2 ta' Settembru 2012.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Pellegrinagg Muturi u Roti fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-pellegrinaġġ tar-roti u muturi ser isir nhar il-Ħadd, 9 ta' Settembru 2012.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-MEPA fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-bilanċ tal-fondi *Urban Improvement Fund* (UIF) sa tmiem Ġunju kien ta' €61,973.95.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-proġett TICTAC iffinanzjat mill-programm *Europe for Citizens* fejn il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jattendu għall-konferenza u fiera internazzjonali li ser issir bejn id-29 u 31 ta' Ottubru 2012.

Inqrat korripondenza mibgħuta minn *Transport Malta* dwar it-talba ta' resident biex jitneħħew sinjali sofor minn Triq Ġanni Bonavia. Il-Kunsill intalab jagħti il-pożizzjoni tiegħu peress illi *Transport Malta* qed ikollha oġġezzjoni biex dawn ma jitneħħewx. Is-Sur Grech ippropona li jintalab il-parir ta' *Transport Malta* peress li l-Kunsill jixtieq jimxi skond ir-regolamenti imma dan kien se joħloq inkonvenjent lir-residenti kif ukoll għall-vetturi li jidħlu f'din it-triq biex jingħata servizz.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn *Transport Malta* fejn il-Kunsill ġie infurmat li t-talba biex isiru *u-bars* quddiem diversi residenzi ma ġietx milqugħa peress li ma kienx hemm wisa` biżżejjed.

Inqrat korripondenza mibgħuta mill-Kunsill tal-Birgu sabiex issir laqgħa biex tiġi diskussa l-possibilita` li fil-ġranet tal-Birgufest 2012 li ser tittella' bejn il-Ġimgħa 19 u s-Sibt 20 ta' Ottubru, ikun jista' jsir *shuttle service* minn zona li taqa' taħt il-konfini ta' Ħaż-Żabbar għaċ-Ċentru tal-Birgu. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

Inqrat korripondenza mibgħuta mill-Klabb tal-Boċċi ta' Ħaż-Żabbar dwar l-attivita` għaż-Żabbarin li ser tittella flimkien mal-Kunsill Lokali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar, il-Kunsill qabel li tiġi organizzata din il-kompetizzjoni u li l-parteċipanti jingħataw tifkira ta' parteċipazzjoni.

Inqrat korrispondenza mill-Perit Lewis fejn informa lill-Kunsill li ġie mitlub mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li flimkien mal-applikazzjoni tax-Xelter f'Misraħ is-Sliem jissottometti *survey* tax-Xelter fejn jiġi ndikat b'kull tibdil li ser isir f'dan il-post. Il-Kunsill qabel unanimament li jsir dan is-*survey* fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill il-pjanti li ġew mħejjija mill-Perit William Lewis għall-progett ta' rikrejazzjoni ta' Buleben iż-Żgħir. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jiġu sottomessi quddiem l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill ta' Eschborn fejn il-Kunsill ġie mistieden jattendi għall-attivita` li ser issir f'Eschborn bejn l-10 u t-12 ta' Awwissu 2012. Is-Sindku qal peress li l-fondi allokati kienu ntuzaw sabiex żgħażagħ Żabbarin jipparteċipaw f'Kamp Internazzjonali ta' Żgħażagħ fil-Portugal, il-Kunsill ma setax jipparteċipa f'din l-attivita`.

Inqrat korripondenza mibgħuta mis-Sur Ryan Schembri mill-Produzzjoni Ħadd Għalik dwar programm televiziv li ser jixxandar nhar ta' Ħadd.

Inqrat korripondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar *ir-release* tal-garanzija bankarja li l-MEPA żżomm lill-iżviluppaturi. Il-Kunsill ġie infurmat li ġie deċiz li din għandha sseħħ wara li *release* ikun ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, bħala żewġ rapprezentanti legali tal-Kunsill Lokali.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-ispezzjoniet li saru tal-*playing fields* mill-Malta Competition and Consumer Affairs Authority. Il-Kunsill ġie infurmat li kienu ser jerġgħu jsiru spezzjonijiet u għalhekk kienet ser issir laqgħa nhar l-Erbgħa, 8 ta' Awwissu 2012.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Christian Attard fejn talab il-permess tal-Kunsill sabiex nhar l-Erbgħa, 8 ta' Awwissu 2012, waqt ġbid tal-episodju *Vendikaturi*, jintuzaw armi li ser ikunu vojta. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, l-Kunsill qabel unanimament li ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

<u>Item 5 – Xogħol tal-Kunsill</u>

<u>Approvazzjoni ta' Finanzi</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda ta' ħlasijiet għall-perjodu ta' bejn is-27 ta' Ġunju, 2012 sal-1 ta' Awwissu, 2012 li kien jammonta għal €48,956.76. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Gunju 2012 u Lulju 2012 li kien jammonta għal €144.38 u €55.79 rispettivament.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv nformat lill-Kunsill li kienet ġiet sottomessa offerta waħda għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas u roundabouts* (ZLC 3/2012). L-offerta mitfugħa kienet mingħand il-Kumpanija *Environmental Landscapes Consortium Ltd* għall-prezz ta' €20,000. Id-dokumenti kollha kienu mimlija u ffirmati. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi aċċettata din l-offerta.

<u>Mozzjoni dwar l-irtir minn ftehim mal-bliet parteċipanti mill-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill mozzjoni proposta mis-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, li tipproponi li l-Kunsill jirtira minn ftehim mal-bliet parteċipanti tal-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ.

Il-Kunsill Lokali jitlob sabiex jiġi iżonorat mill-ftehim ta' bejn l-erbat ibliet Povoa de Varzim (Portugal), Eschborn (Ġermanja) u Montgeron (Franza) u ma jibqax jipparteċipa fil-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ sakemm ma jkunx hemm tibdil dwar l-infiq fil-Memo 13/2008 fejn il-fond vvotati jkunu jistgħu jkopru dan il-kamp kif ukoll spejjes oħra rikorrenti matul is-sena.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-mozzjoni.

Is-Sinjura Calleja qalet li għalkemm taqbel li s-somma allokata lill-Kunsill għall-ġemellaġġi hija ftit, temmen li l-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ huwa differenti u tħoss li hija ħasra jekk jitwaqqaf. Is-Sinjura Calleja tkellmet dwar il-Kamp li sar fil-ġranet li għaddew f'Obidos u qalet illi ż-żgħażagħ ibbenifikaw minn esperjenzi li ser ikunu ta' benefiċċju għall futur tagħhom. Fil fatt il-Kunsill irċieva diversi korrispondenza mingħand il-parteċipanti, li jagħtu xhieda ta' dan. Is-Sinjura Calleja talbet li fil-korrispondenza li tintbgħat lid-Dipartiment jiġi spjegat li l-Kunsill qed jiġi kostrett li jieħu din id-deċizjoni.

Dwar l-attivita` illi ser issir bejn il-Kunsill u ċ-Ċentru Sant Andrija, il-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja qabel unanimament illi l-parteċipanti żgħażagħ jingħataw tifkira ta' parteċipazzjoni f'din l-attivita` u li sehem il-Kunsill ma jkunx aktar minn €350.

Inqraw il-minuti tal-28 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku.

**<u>Item 6-Affarijiet Oħra</u>**

Il-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsill jorganizza ħarġa kulturali għaż-Żabbarin bi bżonnijiet speċjali. Is-Sindku ssekonda l-proposta tal-Viċi Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jagħmel din l-attivita' li tammonta għall-€400.

Is-Sur Pisani ppropona li tittella' attivita` flimkien mal-JCI Malta bit-tema *Healthy Eating* nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Awwissu, 2012 fit-Teatru Grieg u n-nefqa għall-organizazzjoni ta' din l-attivita` ser tiswa €600. Is-Sur Pisani qal li parti minn nefqa ta' din l-attivita` ser tkun iffinanzjata minn fondi tal-Programm *Youth in Action*. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din l-attivita`.

Is-Sur Pisani qal li peress għall-attivita' *Taħbit il-Għabex* li ġiet organizzata l-ammont ta' €500 ma kienx bizzejjed biex tittella s-serata kif mixtieq, qed jitlob l-approvazzjoni biex il-Kunsill jivvota li l-ammont jiżdied għal €930. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill qabel unanimament li l-vot tal-Kunsill għal din l-attivita' ikun ta' €930.

Is-Sur Grech semma li f'art fi Triq il-Faqqus ma' Triq Wied il-Għajn kien qed jitrema skart.

Fit-8.30 ta' filgħaxija s-Sur Buttigieg talab li jkun skużat.

Is-Sur Grech semma li kien tħalla munzell trabb wara li kien tlesta x-xogħol fi Triq il-Kaħwiela. Is-Sur Grech talab li tintbgħat ittra lil Transport Malta sabiex il-kuntrattur li għamel ix-xogħol inaddaf din it-triq.

Is-Sur Grech ippropona li tittieħed deċizjoni f'din il-laqgħa dwar l-installazzjoni ta' *speed camera* fi Triq Wied il-Għajn. Is-Sur Plumpton ssekonda l-proposta tas-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament li titwaħħal *speed camera* fi Triq Wied il-Għajn biex jitnaqqas kull periklu għar-residenti u s-sewwieqa.

Is-Sinjura Calleja infurmat lill-Kunsill li d-Direttur tal-*Cultural Centre* kien interessat li jtella' wirja fil-bini tal-Kunsill fil-jiem tal-festa ta' Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sinjura Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tittella' din il-wirja.

Fit-8.45 ta' filgħaxija is-Sur Plumpton talab li jkun skuzat.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-ħtieġa li jsir *refresh* tas-sinjali tat-traffiku fi Triq il-Qalb Imqaddsa kif ukoll isir *refresh* ta' *parkings bays* f'Misraħ San Gakbu.

Is-Sur Bonnici tkellem dwar il-laqgħa li flimkien mas-Sindku kellhom mas-Sur Mark Zammit, Segretarju tal-Assoċjazzoni tal-Bejjiegħa tal-Monti sabiex jiġi organizzat is-suq f'Misraħ San Gakbu.

Is-Sindku tkellem dwar il-gabbani li jarmaw fi zmien il-festa ta' Ħaż-Żabbar fi Triq tal-Labour u ppropona li quddiem ic-*central strip* ma jitpoġġewx gabbani biex jiġi evitat kull periklu. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li l-gabbani jitressqu bi ftit b'tali mod li quddiem ic-*central strip* ikun vojt.

Is-Sur Buhagiar semma l-ħtieġa jinzabru u jissaqqu s-siġar f'Misraħ San Gakbu.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30 ta' filgħaxija.

Isabella Testaferrata De Noto
Deputat Segretarju Ezekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-403 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 29 ta'Awwissu, 2012.

Domenic Agius
Sindku